**Q O R T I   C I V I L I**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 30 ta' Jannar 2018**

Rikors Guramentat Nru.  233 / 16RGM

Kawza fil-lista:  6

**D X**
**vs**
**F A**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha nhar it-2 ta' Lulju 2010, twieled il-minuri E A;

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn snin ilu, b'konsegwenza ta' certi vizzjijiet li ghandu l-intimat, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tal-medjazzjoni u dan minkejja li kien propju hu li fetah l-istess proceduri, qatt ma seta' jintlahaq ftehim u ghalhekk l-esponenti kellha tipprosegwi bir-rikors guramentat;

4. Illi din il-Qorti pendente lite, b'digriet tad-29 t'Awwissu 2016, diga' ddecidiet fuq il-manteniment li l-intimat ghandu jhallas ghall-ibnu u cioe' erba' mitt ewro (Eur 400) fix-xahar, liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghal ibnu;

5. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 12 ta' Awwissu 2016;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe,' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament minnha minghajr htiega tal-fehma tal-intimat;

2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' mhux inqas minn erba' mitt ewro (Eur 400) frx-xahar, u dan sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

3. Tillikwida l-ammont ta' sitt elef tmien mitt ewro (Euro 6,800) f' kumpens ta' arretrati ta' manteniment li l-intimat kien dovut ihallas lir-rikorrenti ghall-minuri ghall-perjodu bejn Ottubru tas-sena elfejn u tlettax meta originarjarnent kien inghata digriet ta' mantenirnent minn din l-Onorabbli Qorti, liema qatt ma gie onorat, sa Awwissu tas-sena elfejn u sittax, meta inghata digriet iehor u l-istess manteniment gie awmentat;

4. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

5. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-Digriet taghha moghti fit-18 ta' Dicembru 2013 fl-atti tal-medjazzjoni Ittra Numru 300/13[1], fejn *inter alia* il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar b'effett mis-17 ta' Ottubru 2013 bhala manteniment *pendente lite* ghall-minuri E A, liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut kull xahar u mibghut lill-attrici, filwaqt illi l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet;

Rat id-Digriet taghha moghti fid-29 ta' Awwissu 2016 fl-atti tal-medjazzjoni Ittra Numru 772.16[2], fejn *inter alia*, il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici bhala manteniment *pendente lite* ghall-minuri E A, is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar liema somma tinkludi spejjez ta' edukazzjoni u sahha, b'effett mid-9 ta' Awwissu 2016;

Rat ukoll illi b'Digriet moghti waqt l-udjenza ta' l-4 ta' April 2017, il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet finali ghas-seduta tat-13 ta' Gunju 2017'

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-attrici fil-31 ta' Mejju 2017[3] u rat illi l-konvenut baqa' ma ghamel ebda sottomissjonijiet f'din il-kawza;

Rat id-digrieti l-ohra kollha l-ohra taghha;

Rat l-atti u x-xhieda kollha;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>Provi</u>**

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob, in sostanza, li tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva ta' bin il-minuri tal-partijiet, E A, u d-dritt li tiehu wahedha d-decizjonijiet kollha rigward il-minuri. L-attrici titlob ukoll li jigi likwidat, u li l-konvenut jigi ordnat ihallas, manteniment ghall-istess minuri f'ammont mhux inqas minn erba' mitt Euro (€400) fix-xahar flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll is-somma ta' sitt elef u tmien mitt Euro (€6,800) f'kumpens ta' arretrati ta' manteniment dovuti mill-istess konvenut, oltre li jinghataw provvedimenti ohrajn in materja.

---

[1] Doc. A a fol. 46.
[2] Doc. B a fol. 47.
[3] Fol. 53 *et seq.*

Il-konvenut ghalkemm debitament notifikat[4], ma wegibx ghall-kawza u qed jitqies ghalhekk li huwa kontumaci. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni ta' l-attrici u x-xiehda taghha.

**L-attrici Mary Rose X** xehdet permezz ta' Affidavit[5] fejn spjegat illi l-minuri E twieled minn relazzjoni illi hija kellha ma' F A, liema relazzjoni spiccat madwar sena wara li twieled il-minuri. Skont l-attrici, ghall-bidu, meta l-konvenut sar jaf li kienet qed tistenna tarbija, huwa qal li kien lest illi jrabbuh flimkien. Izda ma zammx kellmtu, ghaliex wara li t-tifel kellu madwar sena, il-konvenut iddecieda li ma jkomplix bir-relazzjoni ghaliex ried ikompli hajtu ma' shabu. Tispjega li lill-minuri il-konvenut abbandunah u t-tifel baqa' jghix maghha flimkien man-nanniet materni izda xorta wahda kienet tiehu t-tifel ghand missieru biex jarah.

L-attrici tispjega wkoll li dak iz-zmien il-konvenut ma kienx ihallas manteniment, u ghamel l-ewwel sitt xhur minn meta ma baqghux flimkien, ma jhallas xejn. Skont l-attrici, hi tixtri kollox wahedha ghat-tifel, inkluz li thallas wahedha tobba u medicini u injections li kienu jiswew flus kbar. Madanakollu, hija tghid li dejjem baqghet tiehu lill-minuri ghand missieru ghaliex ma riditx iccahhdu minnu, minkejja li lill-konvenut kienet tarah li ma jaghtix kaz lit-tifel. L-attrici tkompli tfisser kif il-konvenut kien jaghmel ftit hin biss mal-minuri u b'hekk it-tifel ma setax jidrah sewwa lil missieru, u dejjem jibki mieghu. Skont l-attrici, il-konvenut dejjem ikollu xi hbieb tieghu hdejh meta kienet tehodlu lit-tifel biex jarah u l-attenzjoni qatt ma kienet tkun kollha fuq it-tifel f'dak il-ftit hin li kien jarah. Barra minn hekk, hu dejjem jghidilha li ma jistax idum. Tkompli tghid illi dak iz-zmien hija ppruvat ukoll issalva r-relazzjoni taghhom imma kien kollu ghalxejn.

L-attrici fissret li wara li ghamel sitt xhur ma jhallas ebda manteniment, il-konvenut beda jaghtiha €100 fix-xahar jew €150 fix-xahar izda gieli qabez pagamenti. Dik il-habta, kienet bdiet tibghat lit-tifel playschool biex jibda jithallat ftit ma' tfal ohra, izda l-hlas tal-playschool wahedha kienet taghmlu ghaliex il-konvenut ma riedx jikkontribwixxi, lanqas fejn jidhlu spejjez ta' tobba u medicini. Rigali kien jaghti ftit li xejn lit-tifel. L-attrici kompliet tispjega illi minkejja din is-sitwazzjoni, hija dejjem baqghet tiehu lit-tifel ghand missieru, u dan fil-granet u hinijiet li ried il-konvenut. Lit-tifel kien jarah fid-dar ta' missieru jew kien jigi ghalih id-dar fejn tghix l-attrici ma' ommha u missierha. Sussegwentement, il-konvenut kera flat u gieli kienet tiehu lit-tifel hemmhekk ukoll, izda dejjem bil-hbieb tal-konvenut dehlin u hergin u jorqdu hemm.

[4] Vide referta a tergo fol. 8.
[5] Fol. 40 *et seq.*

Skont l-attrici, it-tifel dejjem kien jigi lura minghand missieru jibki, u meta kien jiehdu xi gurnata, it-tifel kien jghid illi ddejjaq, li ghandu l-guh u li kien imxarrab bil-pipi, fost hafna affarijiet ohra. Tispjega kif il-minuri kien jghidlha wkoll li missieru kien jiehdu mal-hbieb tieghu, li bilkemm kien jaghti kasu f'dak il-hin, u li biss meta kien ilesti minn mal-hbieb kien ikellmu ftit. L-attrici tghid illi hija kienet gibdet l-attenzjoni tal-konvenut biex lit-tifel jiehdu xi mkien fejn ikunu jistghu jqattghu ftit hin wahedhom u mhux fil-genn ta' hbieb tieghu, u spjegat ukoll li kien hemm zmien meta l-konvenut kellu relazzjoni ma' tfajla li kellha tifla tampar E u gieli kien jiehdu maghhom. Izda meta jigi lura id-dar, it-tifel baqa' dejjem jghid li kien bil-guh, kien imdejjaq u illi ma tawx kasu tant illi wasal fi stat li, skont kif tkompli tfisser l-attrici, il-minuri ma ried imur b'xejn ma' missieru. Tant hu hekk li meta kien isir jaf illi gej ghalih missieru, it-tifel kien jibki u jitlobha bil-hniena sabiex ma tibghatux.

Tghid illi ghalkemm lill-konvenut kienet tghidlu li t-tifel ma jridx imur mieghu, kien jigi ghalih bilfors u jiehdu mieghu jibki u jixher kemm jiflah. Skont l-attrici, meta t-tifel kien jigi lura kien jistaqsiha ghaliex bghatitu ma' missieru u sahansitra kien jghidilha kattiva ghax bghatitu.

Tispjega li wara xi ftit zmien il-konvenut rega' ma bediex ihallas manteniment u lanqas jaqsam l-ispejjez ta' sahha u medicina tat-tifel maghha u skont l-attrici, huwa qalilha li ma riedx jahli flus billi t-tifel joqghod jibki mieghu, u ma kienx ser ihallas manteniment sakemm it-tifel jidrah sewwa. L-attrici fissret li lill-konvenut gibditlu l-attenzjoni ripetutament li kellu bzonn iqatta' iktar hin u jaghti iktar attenzjoni lit-tifel, u li l-imgieba tieghu mat-tifel kienet hazina.

Fil-frattemp, it-tifel kien beda l-iskola u l-attrici spjegat li kellha tohrog l-ispejjez biex tixtrilu l-affarijiet kollha li kien jehtieg ghall-iskola, fosthom l-uniformi, zarbun u basket ta' l-iskola, wahedha minghajr kontribut minghand il-konvenut. Tghid li anke biex iffirmalha biex t-tifel jidhol l-iskola kien qalalha qalbha l-konvenut. Fissret ukoll li l-minuri ghandu kundizzjoni msejha *diverticolitis*, u gieli jkollu jidhol l-isptar biex jinghata l-kura. Madanakollu, kull meta ta' l-isptar jitolbulha l-firma tal-missier, hi jkollha taghmel dikjarazzjoni illi t-tifel trabbih wahedha. Tghid li tirriskontra l-istess problema anke biex il-konvenut jiffirma biex isir passaport lit-tifel u spjegat li din hija r-raguni ghaliex trid li l-kura u kustodja tat-tifel tkun f'idejha.

L-attrici tghid li hi sahansitra toqghod lura mill-bzonnijiet taghha sabiex lit-tifel ittih kull ma jkollu bzonn, izda ma tistax tghid li l-konvenut jaghmel l-istess ghaliex skont hi, jippreferi jonfoq il-paga fuq hrug u divertiment mal-hbieb minflok jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu, u dejjem ikollu xi skuza gdida sabiex ma jhallasx il-manteniment ghat-tifel.

Darba minnhom, l-attrici ssuggeriet lill-konvenut li jaghmlu medjazzjoni sabiex jiftehmu fuq kollox illi jikkoncerna t-tifel, izda ghalkemm il-konvenut kien qabel maghha, meta wasal iz-zmien sabiex jiltaqghu, huwa deher darba hiss u ma regax tfacca. Ghalhekk kienet ghamlet rikors fis-17 ta' Ottubru 2013 (Dok. A) u l-Qorti tat digriet fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ta' mitejn Euro fix-xahar u jaqsam maghha l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. Madanakollu, skont l-attrici, il-konvenut qatt ma hallas manteniment minn Ottubru 2013 u min-naha taghha, hija baqghet ma ghamlet ebda rapport fir-rigward lill-Pulizija.

Tkompli tghid li ma ghandha ebda ghajnuna minghand il-familjari taghha u ssibha ferm difficli biex timpjega ruhha *full-time* ghaliex m'ghandhiex min jehodilha hsieb it-tifel. L-attrici tispjega illi dan mhux b'kapricc izda ghaliex ma ghandha ebda ghajnuna minn ghand ommha, fis-sens illi snin ilu (fis-sena 1997) ommha kellha incident u spiccat ma tara xejn minn ghajn wahda, filwaqt illi mill-ghajn l-ohra tara biss zlieg (Dok. C). Ghalhekk, skont l-attrici, hija ommha li ghandha bzonn l-ghajnuna.

L-attrici tghid ukoll illi ghall-habta ta' Lulju tas-sena 2016, hija rceviet notifika illi F rega' fetah medjazzjoni izda ghal darb'ohra, huwa rega' ma attendiex, ghalkemm kien hu li fetah il-medjazzjoni. Spjegat illi regghet ipprezentat rikors fl-atti tal-medjazzjoni li fetah il-konvenut u permezz ta' digriet moghti fid-29 ta' Awwissu tas-sena 2016 (Dok. B), il-konvenut gie ordnat li jhallas €400 fix-xahar bhala manteniment ghat-tifel, liema somma tinkludi fiha l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tifel. L-attrici tispjega li wara li nghata dan id-digriet, hija rceviet erba' pagamenti ta' manteniment minghand il-konvenut, ghax-xhur ta' Awissu, Settembru, Ottubru, u Novembru 2016 biss, u dan wara li kellha taghmel rapporti lill-Pulizija. Il-medjazzjoni nghalqet ghaliex il-konvenut qatt ma attenda u ghalhekk kellha taghmel din il-kawza.

L-attrici ghalqet billi tat rendikont ta' l-infiq rikorrenti li taghmel u li ghandu x'jaqsam mal-minuri, inkluz spejjez medici ghall-kundizzjoni medika li jbati minnha, liema spejjez thallashom kollha wahedha. Tispjega wkoll li kien hemm spejjez tal-precett tal-minuri s-sena l-ohra, oltre li xtrat lit-tifel tablet ghall-iskola li sewa € 200 kif ukoll diversi rigali u loghbiet biex ma jhossux inferjuri ghal tfal ohra.

**Xehdet ukoll omm l-attrici, Maria Assunt X**, ukoll permezz ta' Affidavit[6], fejn qalet li t-tifla taghha D X tghix id-dar maghha. Spjegat kif fis-sena 2008, bintha bdiet tohrog ma' wiehed certu F A u meta harget tqila minnu wara ftit xhur biss, hi

[6] Fol. 50 *et seq.*

u zewgha kienu haduha bi kbira hafna. Madanakollu, huma taw lit-tifla l-appogg kollu li setghu.

Skont ix-xhud, wara sena li twieled E, il-konvenut kien qal lil D li ma riedx ikun jaf aktar bit-tifel tieghu, izda minkejja dan, it-tifla xorta baqghet tiehu lit-tifel E id-dar fejn kien qed jghix F A biex hu jibqa’ jkollu kuntatt mat-tifel tieghu. Ix-xhud tghid li D dejjem irragunat illi mhux sewwa li t-tifel taghha jitrabba minghajr missier, u ghalhekk kienet lesta li taghmel sagrificcju u tiehdu ghand missieru. Skont ix-xhud, bintha kienet tghid li F A ma kienx jaghti kaz hafna meta kienet tmur ghandu bit-tifel, u qatt ma offra li jhallas xejn mill-ispejjez tat-tifel. Fil-fatt, skont ix-xhud, D kienet thallas kollox hi ghaliex F A ma kienx ihallas manteniment wara li temm ir-relazzjoni tieghu maghha.

Ix-xhud tispjega wkoll li skont bintha, il-minuri qatt ma seta' jkollu relazzjoni tajba ma' missieru minhabba li dan qatt ma jrid iqatta' hafna hin mieghu u kull meta kienet tmur ghandu bit-tifel, dejjem tinzerta lil xi hbieb tieghu hdejn id-dar ta' missieru, fejn il-konvenut kien jghix dak iz-zmien. Tiftakar lit-tifla taghha tghid illi ghalkemm kienet tipprova tghid lil F A biex iqatta' iktar hin mat-tifel wahdu biex isir jafu ahjar, u biex forsi jippruvaw jirrangaw bejniethom, hu qatt ma ried jaghmel dan u qatt ma wera interess f’ibnu. Meta Mary Rose qaltilha li F A kien qed johrog ma' tfajla li kellha tifla tampar E, ix-xhud hasbet li forsi l-konvenut kien ser jitghallem kif jiehu hsieb ahjar lil ibnu, izda xorta wahda is-sitwazzjoni baqghet kif kienet. Tant u hekk, li kull darba li kien imissu johrog ma' missieru, E kien jibda jibki u jitlob lil ommu biex ma tibghatux ma' missieru ghaliex kien ikun imdejjaq u injorat.

Tkompli tghid li meta D qalet lil F A li t-tifel ma jridx imur mieghu, kien jigi ghalih id-dar taghha u jiehdu mieghu jibki kemm jiflah. Ix-xhud spjegat ukoll li gieli semghet lit-tifel isejjah lil ommu kattiva ghaliex tibghatu bil-fors ma’ missieru. Fissret li l-konvenut baqa' biered lejn it-tifel tieghu u l-hinijiet ta’ l-access kien jiddecidihom hu: daqqa tiehu lit-tifel D id-dar ta' missier F A, u daqqa jigi hu id-dar taghha. Meta aktar tard F A kera flat ghal rasu, hu beda jiehu lit-tifel hemm, izda x-xhud tiftakar li E xorta kien jigi lura d-dar imbikkem kull darba, jghid li hu bil-guh u mxarrab bil-pipi.

Ix-xhud kompliet tispjega illi D dejjem tghidilha li minkejja li kellha digriet mill-qorti biex F A jhallas €200 fix-xahar f'manteniment ghat-tifel, hu ma hallas xejn wara Ottubru 2013. Tghid li l-bicca l-kbira ta’ l-ispejjez thallashom wehdiha D, inkluz l-ispejjez tal-playschool tat-tifel. D ta' spiss kienet tghidilha wkoll li flus ghal tobba u medicina, ukoll ikollha thallashom wahedha, u F A la qatt offra biex ihallas u wisq anqas hallas xi spejjez hu. Skont ix-xhud, Mary Rose qaltilha li F A ma riedx ihallas manteniment ghal ibnu ghaliex it-tifel kien il-hin kollu jibki mieghu u ma riedx ihallas sakemm it-tifel jidrah. Meta beda jmur skola, bintha

hallset ukoll wahedha l-kotba ta' l-iskola, l-uniformi, zarbun, basket u affarijiet ohra li kien jehtieg it-tifel. Ix-xhud spjegat ukoll li E ibati mill-kundizzjoni tad-divertikolite, u D tiehdu l-isptar ghall-kura kull sena, fejn ikollha taghmel dikjarazzjoni kull darba li it-tifel trabbieh wahedha, u li din l-istess problema grat ukoll meta D marret biex taghmel passaport lit-tifel.

Tiftakar li D kienet ferhana meta F A accetta li jmorru quddiem medjatur biex jifthemu dwar it-tifel izda hu deher darba biss u qatt ma deher aktar minkejja li l-medjazzjoni kien fetahha hu. Ix-xhud tghid illi fl-ahhar, D hadet il-parir taghha u kellmet avukat biex isir rikors biex F A jibda jhallas manteniment u fil-fatt huwa gie ordnat ihallas €400 fix-xahar, illi jinkludu l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni. Madanakollu, bintha infurmatha li F A ma kienx qed ihallas. Din id-darba pero`, bintha hadet il-parir ta' l-avukat taghha u bdiet taghmel rapporti lill-Pulizija.

Ix-xhud fissret li bintha ma tahdimx biex tkun tista' trabbi t-tifel ghaliex minhabba l-mard li ghandha, ma tistax tghin lil Mary Rose tiehu hsieb lit-tifel. Skont ix-xhud, Mary Rose tahdem biss ftit sieghat fil-gimgha u l-uniku dhul li ghandha huwa ta' €300 f'beneficcji socjali. Tghid ukoll li hi u zewgha jghinu lil binthom kemm jista' jkun, izda fejn jidhlu spejjez ma tantx jistghu jaghtu ghajnuna ghaliex filwaqt li r-ragel taghha huwa pensjonant u jghixu bil-pensjoni tieghu, hija kellha incident bil-karozza li wassal biex titlef id-dawl minn ghajn wahda u ghandha hafna spejjez medici minhabba din il-kundizzjoni taghha.

Il-Qorti semghet ukoll[7] ix-xhieda ta' **Dr. Elizabeth Quintano, Saviour Theuma, Joseph Saliba** kif ukoll ta' l-i**Spettur Melvin Camilleri**, u d-dokumenti minnhom esebiti[8] kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti mill-attrici.

**<u>Kura u Kustodja tal-Minuri</u>**

Ghalkemm hawn non si tratta ta' koppja mizzewga li qed tissepara, jibqa' dejjem rilevanti dak li jipprovdi **Artikolu 56 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "*Hsieb tal-Ulied wara il-Firda*":-

*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna wkoll lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata il-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-gid tal-ulied.*
*(2) Il-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-mizuri jkunu tassew mehtiega, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqieghdu taht il-kustodja ta' persuna in loco parentis ta' terzi jew f'xorta ohra ta' kura.*
*(3) Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret l-ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

---
[7] Udjenza ta' l-4 ta' April 2017.
[8] Dok. JP1 sa JP4 u Dok. KP1 sa KP4, a fol. 19 sa 35.

*(4) Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*
*(5) Il-Qorti tista' barra dan, meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet tal-awtorita' tal-genituri ghal kollox jew f'parti.*

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta li ma tantx hemm relazzjoni jew komunikazzjoni tajba bejn il-konvenut u ibnu minuri li llum ghandu seba' snin. Skont l-attrici, li ma gietx kontradetta fix-xhieda taghha, filwaqt illi l-konvenut ftit li xejn jaghti attenzjoni lil ibnu u ma jqattax *quality time* mieghu, anke ghaliex dejjem ikun imdawwar bil-hbieb tieghu, il-minuri ma jhossux komdu fil-kumpanija ta' missieru u ma jistax jidrah. L-attrici spjegat illi l-minuri ma jkunx irid imur ma' missieru u dejjem jibkilha biex ma tibghatux ghandu.

Mil-lat legali, ma jirrizultax illi inghata xi digriet *pendente lite* li jirregola l-ezercizzju ta' l-access tal-konvenut ghall-minuri u lanqas saret xi talba f'din il-kawza sabiex il-Qorti tistabbilixxi l-modalitajiet ta' dan l-access. Izda fuq kollox, jirrizulta illi l-konvenut mhux talli huwa kontumaci f'din il-kawza, talli baqa' qatt ma deher quddiem il-Qorti fis-seduti li saru f'din il-kawza, lanqas biex jaghmel talba in konnessjoni ma' l-access ghal ibnu, specjalment meta jidher li hemm reticenza evidenti da parti tal-minuri li jkun fil-kumpanija ta' missieru. Jidher ukoll li l-konvenut kien wera l-istess nuqqas ta' interess fil-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet li saru f'zewg okkazjonijiet precedenti fi zminijiet differenti[9], fejn baqa' ma attendiex ghas-sessjonijiet relattivi, oltre li jonqos ukoll b'mod sistematiku milli jivversa l-manteniment ghall-minuri li gie ordnat ihallas permezz ta' zewg digrieti moghtija *pendente lite*.

Fil-fehma tal-Qorti ma jidhrix li jikkonfigura fost il-prijoritajiet tal-konvenut , ir-relazzjoni tal-konvenut ma' ibnu u l-ahjar interessi tal-minuri; jirrizulta pjuttost evidenti mill-provi li l-partijiet ma ghandhomx rapport u komunikazzjoni tajba bejniethom rigward il-minuri, tant illi biex tithallas il-manteniment l-attrici trid tirrikorri ghall-azzjoni kriminali[10]. F'dan ix-xenarju huwa difficli, jekk mhux impossibbli, tirravviza kif l-affidament konguntiv tal-kura u kustodja tal-minuri jista' jkun prattikabbli u funzjonabbli, ahseb u ara fl-ahjar interess tal-minuri.

Mill-provi jirrizulta li l-minuri jghix ma' ommu l-attrici fid-dar tan-nanniet materni, u jidher li, hlief ghad-diffikoltajiet riskontrati fl-ezercizzju ta' l-access ta' missieru, jinsab f'hajja pjuttost stabbli.

---

[9] Ittra Numru 300/13 u Ittra Numru 772/16.
[10] Vide Dok. KP1 sa KP3.

Ikkunsidrat;

Ferm il-premess, ma hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja ordinarja tieghu tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici u illi l-minuri jibqa' joqghod bhala residenza principali tieghu, ma' l-attrici. Fic-cirkostanzi, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li jezistu, talanqas f'dan l-istadju, l-estremi sabiex il-missier jigi eskluz ukoll mid-decizjonijiet fil-konfront ta' ibnu li jirrigwardaw l-edukazzjoni kif ukoll decizjonijiet ordinarji dwar is-sahha tal-minuri li jinkludu decizjonijiet dwar il-kundizzjoni ta' *diverticulosis* li jbati minnha, izda mhux ukoll dwar safar.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri E tkun esklussivament f'idejn ommu, l-istess attrici ghandha tiehu wahedha id-decizjonijiet kollha rigward l-edukazzjoni tal-minuri. Il-konvenut ghandu d-dritt f'kull kaz li jircievi t-taghrif kollu dwar l-edukazzjoni tal-minuri. Decizjonijiet straordinarji li jirrigwardaw is-sahha tal-minuri, u li ma jikkoncernawx il-kundizzjoni ta' *diverticulosis*, kif ukoll decizjonijiet dwar safar tal-minuri u hrug ta' passaport ghall-istess minuri, ghandhom jittiehdu konguntivament miz-zewg genituri. Fin-nuqqas ta' ftehim isir rikors lill-Qorti.

**Manteniment ghall-Minuri**

F'dan il-kaz tal-lum, il-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin izda fil-qasam tal-manteniment ghall-minuri, japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, kif ukoll jekk m'humiex mizzewgin. Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kas ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

**L-Artikolu 3B** jipprovdi hekk:-

***3B.*** *(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità,kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

**<u>L-Artikolu 54</u>** jipprovdi hekk:-

***54.*** *(1) Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jinghata skond id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kas ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej:*

*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ic-cirkostanzi kollha taghhom;*
*(b) xi dizabilita', kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali;*

*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacita' tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*

*…*

*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircevu skont il-ligi, minbarra kull ghanuna socjali li mhix kontributorja lit kun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali;*
*…*
*(f) il-htigijiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;*

*(4) Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien.*

Ikkunsidrat;

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m'ghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati. In segwitu ghad-decizjoni gja` mehuda f'dan il-kaz li l-minuri ghandu jibqa' jirrisjedi ma' ommu l-attrici, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici ghal ibnu minuri.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tosserva li l-attrici naqset milli tressaq provi konkludenti dwar l-introjtu taghha[11] izda tat taghrif sufficjenti dwar l-ispejjez li taghmel koncernanti il-minuri. Dwar l-introjtu tal-konvenut, ghalkemm l-attrici ressqet bhala xiehda rapprezentant tas-Sigurta` Socjali u ta' Jobs Plus, jirrizulta li l-konvenut la huwa registrat bhala persuna li jahdem u lanqas bhala persuna li jircievi xi beneficcji socjali jew beneficcji tal-qghad[12].

Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li l-attrici ma rnexxilhiex iggib provi dwar l-introjtu tal-konvenut, u l-fatt li jista' jkun li l-konvenut fil-prezent ma huwiex registrat li jahdem, ma jistax u ma ghandux jillibera lill-istess konvenut mill-obbligu fondamentali tieghu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu u ghalhekk, tqis illi f'kull kaz ghandha tigi likwidata retta alimentari xierqa bhala sehem il-konvenut mill-manteniment ta' l-istess ibnu minuri. Wara kollox, skont l-attrici, il-konvenut hallas erba' pagamenti fis-somma ta' €400 kull wiehed bhala manteniment ghall-minuri matul is-sena 2016[13], biex jevita l-konsegwenzi kriminali tar-rapporti li ghamlet l-istess attrici in konnessjoni man-nuqqas tieghu li jottempera ruhu mad-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Awwissu 2016 u ghalhekk jidher, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, illi l-konvenut ghandu dhul ghalkemm mhux dikjarat.

Ikkunsidrat;

Minhabba d-diffikoltajiet li jidher li tirriskontra l-attrici biex tikseb il-hlas tal-manteniment tal-minuri minghand il-konvenut, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-konvenut baqa' qatt ma hallas xi sehem mill-ispejjez edukattivi tieghu, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li jkun ahjar li tistabbilixxi somma wahda bhala manteniment ghall-minuri li tkun tigbor fiha wkoll il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez kollha ta' edukazzjoni, attivitajiet estra-kurrikulari u sahha ta' l-istess minuri inkluz spejjez konnessi mal-kundizzjoni ta' *diverticulosis* li jbati minnha l-istess minuri, ghajr ghal spejjez straordinarji konnessi mas-sahha tal-minuri, liema spejjez ghandhom jithallsu f'ismha ugwali mill-partijiet.

Qed jigi ghalhekk deciz li l-konvenut bhala sehmu mill-manteniment ta' ibnu minuri, ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar, liema somma tinkludi fiha l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u attivitajiet estra-

---

[11] Fl-Affidavit taghha l-attrici xehdet li tircievi s-somma ta' €300 fix-xahar bhala beneficcji socjali. Ghalkemm dan gie konfermat mix-xhieda ta' ommha Maria Assunta X, Saviour Theuma, in rapprezentanza tas-Sigurta` Socjali, ma xehedx fir-rigward ta' beneficcji socjali percepiti mill-attrici. Ix-xhud Maria Assunta X qalet ukoll li l-attrici "*tahdem biss ftit sighat fil-gimgha.*" – fol. 52.

[12] Mid-dokument immarkat bhala Dok. JP1, jirrizulta illi wara t-terminazzjoni ta' l-ahhar impieg tieghu fl-4 ta' Frar 2015, il-konvenut ma regghex gie registrat bhala impjegat.

[13] Skont kif jirrizulta mill-Affidavit ta' l-attrici; vide wkoll Dok. KP1 sa KP 3.

kurrikulari u spejjez ordinarji ta' sahha u medicina tal-minuri, inkluz spejjez konnessi mal-kundizzjoni ta' *diverticulosis*, liema somma ghandha tizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond iz-zieda fl-indici ta' l-gholi tal-hajja, u tibqa' tithallas anke wara li l-minuri jaghlaq l-eta` ta' 18-il sena jekk jibqa' jistudja full-time, u dan sakemm jaghlaq l-eta` ta' 23 sena.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici titlob ukoll il-hlas tas-somma ta' sitt elef u tmien mitt Euro (€6,800) rapprezentanti l-arretati tal-manteniment dovuti mill-konvenut in virtu` tad-digriet tat-18 ta' Dicembru 2013, li permezz tieghu huwa gie ordnat ihallas manteniment ghal ibnu fis-somma ta' €200 fix-xahar b'effett mis-17 ta' Ottubru 2013, sa l-ahhar ta' Lulju 2016[14]. Fic-cirkostanzi, billi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut jirrizulta debitament ippruvat illi dan il-manteniment baqa' ma thallasx, il-Qorti tqis illi l-arretrati tal-manteniment indikati mill-attrici huma dovuti u tordna lill-konvenut illi jhallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' €6,800.

Ghall-fini tar-raba' talba ta' l-attrici, u fic-cirkostanzi, il-Qorti tordna wkoll li manteniment ordnat f'din is-sentenza jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligh tal-konvenut, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.

Finalment, fir-rigward tal-hames talba, billi l-provvedimenti mitluba mill-attrici diga` nghataw supra taht l-intestatura 'Kura u Kustodja tal-Minuri' u 'Manteniment ghall-Minuri', il-Qorti tqis li ma jehtieg ebda provvediment ulterjuri fir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:-

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E A tkun fdata esklusivament f'idejn ommu l-attrici Mary Rose X bil-kondizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura "*Kura u Kustodja tal-Minuri*";

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba billi tordna li b'effett mil-lum il-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri E A, is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar liema somma tinkludi l-ispejjez ordinarji tas-sahha u

[14] €200 fix-xahar ghal 34 xahar.

medicina kif ukoll l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikolari tal-minuri, b'dan illi l-manteniment *pendente lite* ghandu jibqa' regolat bid-digrieti *pendente lite*. Il-manteniment hawn stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlaq 18-il sena jekk jibqa' jistudja full-time u dan sakemm jaghlaq 23 sena jew item l-istudji full-time tieghu, skond liema avveniment isehh l-ewwel, kollox skond kif ordnat supra taht l-intestatura "*Manteniment ghall-Minuri*".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef u tmien mitt Euro (€6,800) rapprezentanti l-arretrati ta' manteniment dovuti ghall-perijodu bejn Ottubru 2013 u Awwissu 2016.

4. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta u tordna li l-manteniment likwidat u ordnat b'din is-sentenza jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligh tal-konvenut, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.

5. Tastjeni milli tipprovdi dwar il-hames talba in vista ta' dak ordnat supra taht l-intestatura '*Kura u Kustodja tal-Minuri*' u '*Manteniment ghall-Minuri*'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**